**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Magri)**

**-vs-**

**Nathan Micallef, u detentur tal-karta tal-identità 341898M**

*Kumpilazzjoni Nru. 968/2024*

Illum, 17 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat **Nathan Micallef** u ċioè talli:

> Fis-16 ta' Novembru, 2024, **bejn is-07:00hrs u 08:00hrs ġewwa residenza 148, St Paul's Flats, Flt3, Telgħet Gwardamangia, Pietà:**

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **Salvatore Tanti ( Nannu)** f'periklu ċar ħebb għal **Salvatore Tanti (Nannu tiegħu)** w ikkaġunalu offiża ta' natura ħafifa skond kif ċertifikat minn Dr Mattia Coppini ta l- isptar Mater Dei, liema delitt sar permezz ta theddida ta arma ( flixkun tal-ħġieġ); U dan bi ksur ta' artikolu 214, 222(1)(a) 221(1) u 202(h)(l) tal-Kodiċi Kriminali.

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil **Salvatore Tanti u Carmela Tanti (nanniet tiegħu)** u dan bi ksur ta' l- artikolu 339(1)(e) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali.

3. U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'sentenzi tal-Qorti tal- Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Il- Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Nathan Micallef** għall-benefiċċju ta' **Salvatore Tanti u Carmela Tanti** dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Salvatore Tanti u Carmela Tanti, dan u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessa.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ fosthom il-fedina penali mtappna tiegħu. Ma setgħetx il-Qorti ma tagħtix piż lill-fatt li l-imputat hu mifni mill-vizzju tad-droga, vizzju li iżda ma jridx jikkumbattih bis-serjetà.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 202(h)(l), 214, 221(1) u 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal sitt xhur priġunerija.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-imputat jitqiegħed taħt ordni ta' trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jiġġieled il-vizzju tad-droga.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Salvatore Tanti u Carmela Tanti ghal żmien tlett snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**